MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 261/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Alfred u Carmen konjugi Parnis (ID264039M u 818747M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm300.76), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2122 6966 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz markati Dok.A u B);**
**Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm300.76) bl-imghax legali mil-25 ta' Jannar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------